MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru. 68/2003

**Il-Pulizija**

**Supritendent Martin Sammut**

**Vs**

**Kevin Schembri, iben Alfred u Josephine nee' Mangion, imwieled Tal Pieta' nhar it-22 ta' Ottubru, 1982, residenti fil-fond Block J, Flat 3, Triq il-Laqxija, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 577782M;**

**U Daryl Luke Borg, iben il-mejjet Anthony u Joan nee' Mifsud, imwieled Tal Pieta' nhar is-6 ta' Gunju, 1986, residenti fil-fond 142, Triq Bwieraq, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 261086M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **Kevin Schembri** u **Daryl Luke Borg**, li gew akkuzati talli:

1. F’dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta’ Dicembru, 2002, ghall-habta ta’ 2.30am, gewwa l-post maghruf Triq Dragonara, San Giljan, ikkagunaw minghajr il-hsieb illi joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Elvin Magri minn Hal Qormi, skont kif iccertifikat minn Dr S Attard MD tal-Isptar San Luqa, Pieta’, u dan ai termini tal-Artikoli 214, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, hebbu ghall-istess Elvin Magri minn San Gwann, sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara, u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, gewwa San Giljan, volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi moqrija l-istess, fl-interrogatorju l-imputati wiegbu li ma kinux hatja taghhom.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat l-Artikoli li taghhom hemm mahsuba li tista’ tinstab htija, u cioe’:

- Fl-Artikoli 214, 218(1)(a), 339(1)(d), 338(dd) tal-Kodici Kriminali.

Rat illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 93 u 162).

Rat l-atti kollha tal-kawza u kkunsidrat il-provi kollha prodotti.

Xehed ghalhekk il-ferut **Elvin Magro**. Qal dan illi hu kien mar Pacevile wara li telaq minn riceviment u wassal lit-tfajla tieghu d-dar. Mar Paceville biex jixtri kebab minghand Ed’s Diner. Hemm xehed illi Daryl Luke Borg ghajjatlu biex ikellmu. Qal ix-xhud illi peress illi hu kien jahdem fis-signs, fl-stickers, ried ikellmu fuq daqshekk. Qal illi kif wasal hdejn il-karozza li kienet ipparkjata faccata tal-gabbana (jiddeskrivi hdejn Places), nizel Kevin Schembri minn gol-

karozza, halla l-bieba miftuha. Qal illi qabad ikellmu, staqsieh kinx jaf lil certu Dui. Ammetta li kien jafu, li kien qabel jahdem mieghu l-Bamboo. Zied li dan staqsieh jekk ghandux ghal dan id-Dui. Jghid ix-xhud illi wiegeb fin-negattiv, anzi spjegalhom illi kien anke jwasslu ta' spiss ix-xoghol u li kien aktar hbieb ma' hu dan. Qal illi z-zghir, Daryl Luke Borg, dar minn wara tal-karozza u li ghalhekk dawwar wiccu biex jara x'kien ser jaghmel dan. Jghid illi hawn innota lil Kevin jitbaxxa lejn is-side pocket tal-karozza tieghu, pero ma setax jirrikonoxxi x'gab jew x'ghamel. Zied illi kif appena dar, tah daqqa ta' ponn li ghalih ma kinitx biss wahda bl-idejn. Xehed Magri li staqsieh ghaliex kien ghamillu hekk, stante li bejniethom ma kien hemm ebda argument. Zied illi waqqfithom persuna, li wara sar jaf illi kien certu Victor tal-Motoring School, milli jkomplu jaghtuh. Qal illi mad-daqqa beda hiereg id-demm u li dawn it-tnejn, l-imputati, marru ghal fuqu u sahansitra l-istess Kevin anke hadlu flixkun ilma. Jghid illi telaq lejn daru.

Dwar il-griehi, qal illi rrizulta li kellu c-cheek bone miksura u kellu bzonn anke jigi operat b'mod urgent. Qal illi issa f'wiccu kellu titanium plate. Kellu anke sutturi fuq imniehru.

Xehed illi kien baqghalu scar fuq wiccu, kellu bzonn operazzjoni ohra biex titnehhielu t-titanium plate, u li kellu nofs wiccu numb.

Mistoqsi in kontro ezami jekk dakinhar kinx fis-sakra, qal illi ma kinx xorob hafna ghax il-party li kien qabel ma tantx kien dam. Qal illi tant ma kinx fis-sakra li saq  b'ghajn wahda.

Mistoqsi jekk hu kellux xi nuqqas ta' ftehim ma' Jonathan Calleja, wiegeb fin-negattiv. Baqa' jinsisti li anzi kien iwasslu d-dar. Baqa' nsistenti li hu ma kinx miggieled ma' dan Calleja.

Ezebixxa wkoll ritratti mehuda minn ommu dwar il-griehi sofferti, folio 37.

In kontro ezami, aktar tard ikkonferma li kellu sfregju fuq imniehru u plate go wiccu. Qal illi d-daqqa ghalih kienet vizibbli.

Kien cert illi kien Kevin Schembri li kien tah id-daqqa u li dan gara out of the blues, ghaliex hu kien fil-bidu qed jitkellem ma' Daryl li talbu jersaq lejn il-karozza. Baqa' jirritjeni li Kevin kien nizel lejn is-side pocket tal-vettura, imbaghad tah id-daqqa ta' ponn. Eskluda li kien Daryl li tahielu, anzi xehed illi Daryl kien warajh allura ma setax jaghtieh id-daqqa f'wiccu. Anzi xehed illi Daryl Luke Borg lilu ma tahx daqqiet. Kien cert u baqa' hekk isostni, illi d-daqqa kien tahielu go wiccu Kevin.

Xehed illi ghalkemm l-uniku argument li nqala' kien meta hu kien qed jixtri mill-gabbana. Hemm kien qed jitkellem u ssemma l-Bamboo u din il-persuna

Dui. Kien hawn illi Daryl staqsieh kinx jafu u wiegbu fl-affermattiv. Qal illi dan Daryl telaq, ghajjatlu u nqala' l-incident.

Xehdu diversi tobba li kkuraw lil Elvin Magri.

Minn naha taghha **Dr Suzanne Attard**, xehdet illi hi kienet ezaminat lil Elvin Magri. Irrizultalha right pre-orbital haematoma, frattura fl-ghadma tal-imnieher. Iccertifikat il-griehi bhala gravi (certifikat a folio 42).

**Dr Mark Fiorentino**, dak iz-zmien kuranti gewwa l-ENT, xehed illi hu kien kiteb is-summary fuq id-discharge letter. Qal illi Magri kien gie operat fl-orbit floor.

**Dr Maria Elena Borg**, minn naha taghha xehdet illi fuq ezami ta' Elvin Magri, irrizultalha li kelu large pre-orbital haematoma, right eye extending into right cheek bone" (folio 63). Kellu fracture ta' nasal bone u fracture tar-right orbital floor.

Dwar il-fratturi, qalet illi kien jidher illi Magri kien qala' daqqa sostanzjali (folio 65).

**Mr James Galea**, oral surgeon, ikkonferma dawn il-griehi, ghalih kompatibbli ma' daqqa minn blunt injury madwar l-ghajn. Qal illi konsegwenza ta' dan, minhabba li n-nerv kien johrog ezatt xi nofs centimetru taht l-ghajn, inevitabbilment dan intlaqghat bil-konsegwenza li Magri kellu nofs wiccu rieqed. Qal illi kien hemm cans illi dan kien jibqa' permanenti, pero li kien ghadu kmieni biex jghid. Qal illi jekk in-nerv gie permanently damaged, dan ma kinx ser jirkupra.

Iddeskriva l-griehi, minhabba l-fratturi, bhala gravi, pero minhabba li kien ghadu kmieni, ma setax jghid id-dannu fin-nervituri kinx ser ikun wiehed permanenti. Dwar il-lacerazzjoni fil-wicc pero, qal illi dawn kienu "*permanenti u vizibbli.*" (folio 80).

**Mr Eric John Farrugia**, consultant surgeon, ukoll ikkonferma n-natura u l-entita' tal-griehi. Iddeskriviehom ukoll bhala "*grievous*".

Minn naha tieghu, **Jonathan Calleja** xehed illi kine jaf lill-imputati – Daryl kien jigi mir-ragel ta’ ohtu. Ikkonferma li kienu jsibuh bil-laqam “Id-Dui”. Ikkonferma li kien fiz-zmien, jahdem ma’ Elvin Magri gewwa l-Bamboo, u li ma kellux relazzjoni tajba mieghu, li kellhom argument gewwa l-Havana. Qal illi wara l-incident ma tkellmux aktar.

Gew mitluba u redatti Social Inquiry Reports fil-konfront taz-zewg imputati.

Rat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur, anke ezebixxa zewg stqarrijiet mehuda miz-zewg imputati. Kevin Schembri kellu ghoxrin (20) sena fiz-zmien tar-rilaxx; u Daryl Luke Borg kellu sittax (16)-il sena.

Il-Qorti, biex tivvaluta l-ammissjoni ta’ dawn iz-zewg stqarrijiet, harset lejn diversi decizjoniijet moghtija mill-Qrati taghna. Senjalament dik deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront ta’ Charles Steven Muscat, u dik aktar ricenti deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija (Spt Kevin Farrugia) vs Robert Busuttil; omissis; omissis” deciza nhar l-20 ta’ Frar, 2014, fejn il-Qorti qalet hekk:

“

*Jibda biex jinghad illi l-kawza Kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F’pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, “Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.” F’paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, “... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista’ jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...”. Din is-sentenza giet ikkwotata b’success fil-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, “Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’*

*assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).*

*Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran: "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."*

*Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati.*"

Ftit ghandha xi tghid il-Qorti dwar l-istqarrija mehuda lil tifel ta' sittax(16)-il sena – eta' li certament tirrendieh ferm vulnerabbli. Lanqas jirrizulta li dan, stante l-eta' tieghu, kien assistit mill-genituri tieghu.

Tqis ghalhekk tali stqarrija bhal wahda inammissibbli.

Minn naha l-ohra, Kevin Schembri kien maggorenni meta rrilaxxa l-istqarrija. Oltre dan, il-Qorti ma kkonsidratx din bhala prova isolata, cioe' mhix qed tistrieh biss fuqha, pero fittxet u ssib korraborazzjoni ma' dak hemm mitqal.

Fl-istqarrija, minn naha tieghu Schembri jghid illi fil-fatt darba li ltqaghu hdejn Ed's Diner biex jixtru x'jieklu, iltaqghu ma' dan Elvin u li kien qallhom dwar dan Gianni, li jekk kien jarah kien ser jaghtieh daqqtejn go halqu. Kien hawn illi Daryl kien qal illi dan kien jigi kuginuh. Qal illi Elvin beda jkellimhom hazin f'wiccu, u li anke mbuttah, ghalhekk jghid illi qabdu jiggieldu. Qal illi kif imbuttah, tah daqqtejn ta' ponn u waqfet hemm.

Dwar jekk tahx b'xi oggett, wiegeb illi ma kinx jidhirlu dan.

Ikkunsidrat:

Illi verament hemm kontrdizzjoni bejn dak illi xehed Elvin Magri fil-konfront tar-relazzjoni tieghu ma’ Jonathan Calleja, u l-istess Calleja. Anke l-istess Kevin Schembri fl-istqarrija jghid illi Elvin Magri wera li ma kinx f’relazzjoni tajba ma’ dan Calleja, nonostante li fil-bidu Magri pprova jaghtieh impressjoni diversa.

B’dana kollu pero, il-griehi li kellu huma kompatibbli mad-daqqa ta’ ponn illi hu jghid li rcieva minghand Schembri, possibbilment anke b’xi oggett iebes, ghalkemm dan mhux pruvat. Certament sofra f’wiccu, f’ghajnejh, u mniehru, griehi ta’ natura serja, griehi li jistghu jhalluh b’disabilita’ permanenti. Hu pero zgur sfregju (skont kif xehed Mr James Galea)

Illi Kevin Schembri nnifsu jammetti li tah bil-ponn. Minn naha l-ohra, Elvin Magri kien kategoriku dwar dan, pero eskluda lil Daryl Luke Borg.

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-griehi sofferti minn Elvin Magri, qieghda ssib htija taht l-Artikoli 214, 216, u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

In kwantu ghad-difett fin-nervituri ghax jista’ jkun wiehed permanenti, allura taht l-Artikolu 216;

In kwantu ghall-isfregju ghax permanenti u vizibbli taht l-Artikolu 218, ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk rat l-Artikoli 214, 216, 218, u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ssibu hati tal-istess;

Rat ukoll il-fedina penali tieghu, qieset iz-zmien kollu li hliet id-Difiza biex tellghet biss provi skarsi dwar l-akkadut, u l-eta’ ferm tenera ta’ Kevin Schembri fi zmien tal-kommissjoni tar-reat, u ghalhekk wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah hgal ghal sentejn(2) prigunerija

sospizi ghal erba'(4) snin u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tilliberah mill-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338, stante li ma rrizulta ebda ghajjat.

Tillibera lil Daryl Luke Borg mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, in kwantu ma jirrizultawx.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------